MALTA

# QORTI KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CAROL PERALTA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2003

Numru 283/2003

**PULIZIJA
SPETTUR IAN J. ABDILLA**

**VS**

**MARY ELIZABETH VELLA NEE' SAID**

**Illum 7 ta' Mejju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mary Elizabeth Vella nee’ Said, ta’ 52 sena, mart Christopher, bint Joseph u Maria nee’ Abdilla, imwielda Tarxien fit-12 ta’ Ottubru, 1950, u li toqghod f’Norfolk court, Block B, No. 4, Triq il-Mizura, Ibragg, karta ta’ l-identita’ numru 828650 M;

Talli f’Ottubru 2002, u fix-xhur ta’ qabel u ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor,

ingann, jew billi write haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b’qerq ta’ aktar minn Euro 6,000 ghad-dannu ta’ Dr. Alberto Orlandi u persuni ohra;

U aktar talli fl-istess zmien u lok, bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna, akkuzat lil Guido Grima, quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, filwaqt li kienet taf li din il-persuna hija innocenti;

U aktar talli fl-istess zmien u lok, iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kienet taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot it-tracci ta’ reat b’mod li jista’ jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

U aktar talli, fl-istess zmien u lok, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta’ xi hadd, weggatu bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor.

Wara illi rat l-Artikoli 308, 309 u 310, l-Artikoli 101, 110(2) u 25 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi peress illi din hija Qorti Struttorja, u wara li semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti ezebiti, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ebda ligi Kriminali ma' giet infratta. Ghal argument, li wiehed jitlob Stop Payment ta' guaranteed Bankage Draft u cioe' ta' cheque sopportat mill-fondi tal-payee' u jghid bhala skuza, illi dan qed jaghmlu ghax insteraqlu cheque, m'hemm ebda infrastruzzjoni, ghax fi

kwalunkwe kaz, il-payee' u cioe' f'dan il-kaz l-imputata, dejjem ghandu d-dritt illi jwaqqaf il-pagament tad-draft, jekk hu tal-fehma illi hemm raguni sostanzjali jew almenu relattiva, sabiex dak il-pagament ma' jsirx.

Jidher illi f'dan il-kaz, l-imputata, wara operazzjoni ta' plastic surgery li ma rnexxitx, waqfet il-pagament dovut lit-tabib operandi. Dan ilmenta u ghamel rapport mal-Bank ta' l-imputata. Dan ma jikkostittwix reat, u ghalhekk din il-Qorti qeghda tiddikjara dawn il-proceduri ezawriti.

-------------------------------TMIEM-------------------------------